# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XII**
**Illum il-Gimgha, 26 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 178/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Agius talli ghall-habta ta' 22 ta' Mejju 2000 jew fil-gimghat ta' qabel, gewwa Wied iz-Zebbug, Bahrija l/o Rabat: (**1**) bi ksur tal-Art. 85 (tal-Kodici Kriminali) cekken passagg tar-rigel u bokka ta' spiera billi bena in parte fuqha u anke madwarha, ghal liema passagg u spiera ghandhom dritt ghall-uzu taghhom il-familja Portelli; kif ukoll talli (**2**) bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kap 9 ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` tal-familja Protelli;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Lulju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmelo Agius hati skond iz-zewg imputazzjonijiet (bit-tieni imputazzjoni kompriza fl-ewwel wahda) u kkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50); dik il-qorti ordnat ukoll it-tnehhija tax-xogholijiet fi zmien xahar;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Carmelo Agius, minnu ppresentat fis-27 ta' Lulju, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dana l-appell. Fil-kors ta' l-access mizmum fl-4 ta' Dicembru, 2000 il-Qorti setghet tikkonstata li bil-hajt li bena l-appellant huwa naqqas, ghalkemm minimament, il-fetha tal-herza tal-ispiera. F'dan is-sens huwa fixkel lil Thomas Portelli u lil Luigi Portelli fit-tgawdija ta' l-istess spiera, u ghalhekk tekinikament jissussisti r-reat ta' *ragion fattasi*. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, pero`, din ma tirrisultax.

Fil-mori ta' dana l-appell, u fuq suggeriment tal-Qorti maghmul waqt l-access imsemmi, l-appellant ghamel ix-xogholijiet mehtiega sabiex Thomas Portelli u Luigi Portelli jkunu jistghu jaghmlu uzu mill-ispiera bla ebda tfixkil (ara l-verbal ta' l-access, u l-verbal u d-deposizzjonijiet tat-18 ta' Jannar, 2001). Ghalhekk jidher li, kif svolgew l-affarijiet, ikun aktar opportun il-provvediment infraskritt milli l-piena tal-multa.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni (mill-liema imputazzjoni qed tilliberah), kif ukoll thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' hamsin lira u ordnatlu jnehhi x-xogholijiet fi zmien xahar, u minflok tillibera lill-appellant minghajr kundizzjoni taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur